



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 28 ta' Frar 2006 (10.03)
(OR. fr)**

16116/05

PUBLIC 12

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' ATTI TAL-KUNSILL
DIĊEMBRU 2005

Dan id-dokument fih:

- fl-**Anness I**, sommarju ta' atti leġislattivi definittivi adottati mill-Kunsill f'Diċembru 2005. Dan hu akkumpanjat b'dikjarazzjonijiet fil-minuti li jistgħu jinħarġu lill-pubbliku (**Anness II**). Is-sommarju jsemmi wkoll kwalunkwe vot kontra u astensjonijiet, spjegazzjonijiet tal-vot, u r-regoli applikabbli tal-votazzjoni.
- fl-**Anness III**, lista ta' l-atti l-oħra¹ adottati mill-Kunsill f'Diċembru 2005, b'referenza, fejn xieraq, għar-riżultati tal-votazzjoni, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

Dan id-dokument huwa wkoll disponibbli permezz ta' l-Internet ("<http://ue.eu.int>"); ara taħt Dokumenti, imbagħad "Sommarju ta' Atti tal-Kunsill".

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi. Estratti mill-minuti in kwistjoni jistgħu wkoll jinkisbu mid-Dipartiment tat-Trasparenza ("transparency@consilium.eu.int").

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti ta' kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti permezz ta' ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet speċifiċi dwar il-budget, eċċ.

DIĊEMBRU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVA DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJIET	VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TA' VOTAZZJONI U REGOLI TAL-VOTAZZJONI
L-2695 laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjonijiet, Enerġija) fl-1 u l-5 ta' Diċembru 2005 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 2256/2003/KE bil-ħsieb għall-estensjoni tal-programm fl-2006 għad-disseminazzjoni ta' prattiki tajba u l-monitoraġġ ta' l-adozzjoni tat-Teknoloġiji ta' l-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICTs) Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/544/KEE dwar il-faxex ta' frekwenza maħsuba għall-introduzzjoni koordinata ta' <i>paging</i> bir-radju pan-Ewropew ibbażat fuq l-art fil-Komunità Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista ta' l-elettriku u l-investiment fl-infrastruttura Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-	PE-CONS 3658/05 PE-CONS 3657/05 + COR 1 (It) + REV 1 (sk) PE-CONS 3654/05 + COR 1 (es) + COR 2 (it) + REV 1 (da) + REV 2 (fi) + REV 3 (pl) PE-CONS 3660/05	131/05	Maġġoranza kwalifikata Maġġoranza kwalifikata Maġġoranza kwalifikata Maġġoranza kwalifikata

DIĊEMBRU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVA DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJIET	VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TA' VOTAZZJONI U REGOLI TAL-VOTAZZJONI
istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpanniji ta' l-ajru soġġetti għal projbizzjoni milli joperaw fi ħdan il-Komunità u dwar passiġġieri li jivjaġġaw bl-ajru li jkunu nfurmati dwar l-identità tal-kumpannija ta' l-ajru li topera, u jħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE L-2696 laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-1 u t-2 ta' Diċembru 2005	+ COR 1 (fi) + COR 2 (pt) + COR 3 (sl) + REV 1 (pl)		
Direttiva tal-Kunsill dwar standards minimi dwar proċeduri fi Stati Membri għall-ġhoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' refuġjat	12983/05 + REV 1 (pl) + REV 2 (fi) + REV 2 COR 1 (fi) + REV 3 (es)	132/05, 133/05, 134/05, 135/05	Unanimità
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda miżuri maħsuba biex iħaffu l-proċeduri għall-applikazzjoni għal u l-ħruġ ta' viżi għall-membri tal-familja Olimpika li ser jieħdu sehem fil-Logħob Olimpiku u/jew Paralimpiku tax-Xitwa f'Turin fl-2006	PE-CONS 3656/05		Maġġoranza kwalifikata
L-2697 laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) fit-2 ta' Diċembru			

DIĊEMBRU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVA DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJIET	VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TA' VOTAZZJONI U REGOLI TAL-VOTAZZJONI
2005			
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il- ħolqien ta' Regjistru Ewropew għat-Tixrid u t-Trasferimenti ta' Aġenti ta' Tniġġis u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE	PE-CONS 3648/05 + COR 1 (sl) + COR 2 (nl) + COR 3 (fr) + COR 4 (fi) + COR 5 (es) + COR 6 (sv) + COR 7 + COR 8 (da) + REV 1 (pl) + REV 2 (de) + REV 3 (pl) + REV 4 (de)	136/05, 137/05, 138/05	Maġġoranza kwalifikata
L-2699 laqgħa tal-Kunsill (Impjieg, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur) fit-8 u d-9 ta' Diċembru 2005			
Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi għas-sena ta' sajd ta' l- 2006 il-prezzijiet ta' gwida u l-prezzijiet tal-produtturi Komunitarji għal ċerti prodotti tas-sajd skond ir-Regolament (KE) Nru 104/2000	14615/05 + REV 1 (lv)		Maġġoranza kwalifikata
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda, għad-disgħa u għoxrin darba, id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-	PE-CONS 3644/05 + REV 1 (pl) + REV 2 (hu)	139/05	Maġġoranza kwalifikata

DIĊEMBRU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVA DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJIET	VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TA' VOTAZZJONI U REGOLI TAL-VOTAZZJONI
regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (sustanzi klassifikati bħala karċinoġeni, mutaġeni jew tossiċi għar-riproduzzjoni – c/m/r) Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/14/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw l-emissjoni tal-ħsejjes fl-ambjent minn tagħmir li jintuża barra Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' vetturi li nkrew mingħajr sewwieqa għat-trasport ta' prodotti bl-art (verżjoni kodifikata) L-2700 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fit-12 ta' Diċembru 2005	PE-CONS 3661/05		Maġġoranza kwalifikata Qualified majority

DIĊEMBRU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVA DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJIET	VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TA' VOTAZZJONI U REGOLI TAL-VOTAZZJONI
Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE fir-rigward tat-tul ta' żmien li matulu se tiġi applikata r-rata standard minima tal-VAT	14308/05 + COR 1 (lv) + COR 2 (fi)	140/05	Unanimità
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tikkonkludi ftehim mal-Konfederazzjoni Svizzera li jinkludi disposizzjonijiet li jidderogaw mill-Artikoli 2(2) u 3 tas-Sitt Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ	14923/05		Unanimità
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tikkonkludi ftehim mal-Konfederazzjoni Svizzera li jinkludi disposizzjonijiet li jidderogaw mill-Artikoli 2(2) u 3 tas-Sitt Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ	14921/05		Unanimità
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3605/93 fir-rigward tal-kwalità tad- <i>data</i> ta' l-istatistika fil-kuntest tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv	10524/2/05 + REV 2 COR 1 (el) + REV 2 COR 2 (es) + REV 3 (it) + REV 4 (lt) + REV 5 (fi) + REV 6 (lv)		

DIĊEMBRU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVA DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJIET	VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TA' VOTAZZJONI U REGOLI TAL-VOTAZZJONI
L-2702 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fl-20, l-21 u l-22 ta' Diċembru 2005			
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid	13465/05 + COR 1 (it) + COR 2 (es)	141/05	Maġġoranza kwalifikata
Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjonijiet ta' injam fil-Komunità Ewropea	13660/05 + COR 1 (da) + REV 1 (de) + REV 2 (lv) + REV 3 (lv)	142/05, 143/05	Maġġoranza kwalifikata
Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' rkupru għal ħalibatt tal-Groenlandja fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni tas-Sajd ta' l-Atlantiku tal-Majjistral	14486/05 + REV 1 (lv)		Maġġoranza kwalifikata
Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-ħażniet tal-marlozz tan-Nofsinhar u ta' l-awwista tan-Norveġja fil-Baħar Kantabriju u l-peniżola Iberika tal-Punent u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għal ħarsien taż-żgħar ta' organiżmi tal-baħar	14254/05 + REV 1 (fi) + REV 3 (lv) + REV 3 COR 1 (lv)	144/05, 145/05	Maġġoranza kwalifikata

DIĊEMBRU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVA DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJIET	VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TA' VOTAZZJONI U REGOLI TAL-VOTAZZJONI
Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-attivitajiet ta' ċerti pajjiżi terzi fil-qasam tat-tgħabija bil-baħar (verżjoni kodifikata)	PE-CONS 3651/05 + COR 1 (en)		Maġġoranza kwalifikata
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm u li tħassar d-Direttiva 76/160/KEE	PE-CONS 3659/05 + REV 1 (lt) + REV 2 (fi) + REV 3 (de) + REV 3 COR 1 (de) + REV 4 (da) + REV 5 (pt)		Maġġoranza kwalifikata
Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2004/465/KE dwar kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja lejn programmi ta' kontroll tas-sajd ta' l-Istati Membri	15269/05 + COR 1 + COR 2 (fr) + COR 3 + COR 4 (lv)		Maġġoranza kwalifikata
Regolament tal-Kunsill għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, il-Belts u l-Øresund, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1434/98 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 88/98.	15160/05 + COR 1 + COR 2 (lv) + REV 1 (da) + REV 2 (fi) + REV 2 COR 1 (fi)	146/05, 147/05, 148/05, 149/05, 150/05	Maġġoranza kwalifikata

DIĊEMBRU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVA DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJIET	VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TA' VOTAZZJONI U REGOLI TAL-VOTAZZJONI
Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 69/169/KEE fir-rigward tar-restrizzjoni kwantitattiva temporanja dwar l-importazzjonijiet tal-birra fil-Finlandja	14905/05 + REV 1 (lt)		Maġġoranza kwalifikata
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro	14883/05		Unanimità
Regolament tal-Kunsill li jistipula għall-2006 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ibħra Komunitarji u, għal bastimenti Komunitarji, f'ibħra fejn huma meħtieġa limitazzjonijiet fuq il-qabda.	16054/05 + COR 1p REV 1 (mt)	151/05, 152/05, 153/05, 154/05, 155/05, 156/05, 157/05, 158/05, 159/05, 160/05, 161/05, 162/05, 163/05, 164/05, 165/05, 166/05, 167/05, 168/05, 169/05, 170/05, 171/05, 172/05, 173/05, 174/05, 175/05, 176/05	Astensjoni minn SE Maġġoranza kwalifikata
Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2006	16077/05	177/058	SE kontra Maġġoranza kwalifikata
Direttiva tal-Kunsill dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influenza avjarja u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE	15146/05 + COR 1 (fi)	178/05	Maġġoranza kwalifikata

DIKJARAZZJONI 131/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni tiegħu nota tal-ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar il-bidliet li jirrigwardaw l-Artikolu 7 tal-proposta tagħha dwar kostruzzjoni ta' interkonnnettur u żżomm il-pożizzjoni tagħha dwar il-ħtieġa li jissahhaq ir-rwol tar-regolatur fir-rigward ta' l-investiment fl-infrastruttura."

DIKJARAZZJONI 132/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-Artikolu 3

"Il-Kunsill hu tal-fehma li l-Istati Membri li japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva jistgħu, meta jissospendu eżami ta' applikazzjoni għal asil skond l-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE (dwar standards minimi għall-ġhoti ta' protezzjoni temporanja f'każ ta' influż ta' massa ta' persuni maqluġha u dwar miżuri li jippromwovu bilanċ ta' sforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu tali persuni u jbatu l-konsegwenzi ta' dan), jissospendu wkoll l-eżami ta' l-applikazzjoni għal tipi oħra ta' protezzjoni internazzjonali koperti mill-proċedura msemija fl-Artikolu 3(3) sa dak iż-żmien meta dik is-sospensjoni ma tkunx tapplika aktar."

DIKJARAZZJONI 133/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-Artikolu 27

"Meta tiġi adottata din id-Direttiva l-Kunsill jirrikonoxxi li, wara li jikkunsidra t-tradizzjonijiet legali u kostituzzjonali li jvarjaw, id-drittijiet ta' individwi huma mħarsa fl-Istati Membri skond is-sistemi amministrattivi, ġudizzjarji u legali tagħhom li jvarjaw."

DIKJARAZZJONI 134/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-Artikolu 29

"Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, hekk kif din id-Direttiva tidħol fis-seħħ, sabiex tissottometti proposta li tippermetti lill-Kunsill jadotta lista komuni minima ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu meqjusa mill-Istati Membri bħala pajjiżi ta' oriġini siguri."

DIKJARAZZJONI 135/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill rigward l-Anness II għal din id-Direttiva

"Il-Kunsill jenfasizza s-sostenn tiegħu għall-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, kif espress fil-Protokolli Nru. 6 u 13 għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Madankollu, il-Kunsill jirrikonoxxi li l-fatt li l-piena tal-mewt ma tibqax tiġi imposta u esegwita hu pass sinifikanti lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u jinkoraġġixxi pajjiżi biex ikomplu bil-progress tagħhom għal dan il-għan."

Dikjarazzjoni mill-Belġju

"Il-Belġju jilqa' l-adozzjoni tar-Regolament li jimplimenta l-inventarji għall-emissjoni u t-trasferiment ta' aġenti tat-tniġġis.

Din il-leġislazzjoni tippermetti ratifika mill-Komunità Ewropea u l-implimentazzjoni fil-livell Ewropew tal-Protokoll UN-ECE għall-Konvenzjoni ta' Århus iffirmata fi Kiev fl-2003, li l-Belġju jqis bħala importanti ħafna.

L-adozzjoni ta' dan ir-Regolament tikkostitwixxi wkoll stadju ulterjuri fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Konvenzjoni ta' Århus, b'mod partikolari fir-rigward tal-pilastru ta' l-"aċċess pubbliku għal informazzjoni". Dan ser iħaffef ir-ratifika tal-Protokoll minn bosta mill-Istati Membri u jippermetti l-implimentazzjoni tiegħu.

It-test jirrifletti d-disposizzjonijiet tal-Protokoll waqt li jieħu kont tal-karatteristiċi speċjali tal-leġislazzjoni Ewropea.

Madankollu, aspett speċifiku wieħed tar-Regolament, dwar sorsi diffużi, isejjaħ għall-kummenti li ġejjin:

Aħna nikkunsidraw li l-frażi "rilaxxi minn sorsi diffużi" fl-Artikolu 8 tkopri wkoll trasferimenti barra mis-sit.

Aħna ninnotaw ukoll li diversi liġijiet Ewropej jippermettu l-ġbir ta' ammont kbir ta' *data* dwar il-produzzjoni ta' skart perikoluż u mhux perikoluż (ir-Regolament dwar statistika dwar l-iskart, Konvenzjoni ta' Basle u r-Regolament Nru 259/93, Direttiva kwadru dwar l-iskart 75/442 eċċ.) iżda jibqgħu nuqqasijiet kbar fir-rigward ta' l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà ta' tali *data* lill-pubbliku.

L-inventarji tal-PRTR imfassla taħt dan ir-Regolament se jagħtu biss stampa parzjali tar-rilaxxi u t-trasferimenti ta' skart, jiġifieri fil-prattika trid tiġi eżerċitata attenzjoni debita fl-użu ta' tali *data* għall-fini ta' teħid ta' deċiżjonijiet u valutazzjoni ta' linji politiċi fil-prattika.

Minħabba ż-żewġ punti ta' hawn fuq, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu inizjattivi, b'mod partikolari fil-qafas tar-Regolament tal-PRTR, biex jagħmlu użu aħjar tad-*data* eżistenti u b'hekk, jekk ikun meħtieġ, jissupplimentaw id-*data* tal-PRTR bil-ħsieb li jpoġġuhom f'perspettiva aħjar, waqt li jinżammu preżenti l-oġettivi stabbiliti fil-premessi 3 u 4 tar-Regolament."

DIKJARAZZJONI 137/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Huwa l-ħsieb tal-Kummissjoni, filwaqt tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, li tirtira d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/479/KE dwar l-implimentazzjoni tar-Reġistru Ewropew dwar Emissjoni ta' Sustanzi li Jniġġsu (EPER)."

DIKJARAZZJONI 138/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Għal attivitajiet li għandhom jiġu nkorporati fl-Anness I tad-Direttiva ta' l-IPPC u li mhumiex koperti bir-Regolament tal-PRTR, il-Kummissjoni tista' tipproponi miżuri biex tinkludi dawk l-attivitajiet ġodda f'dan ir-Regolament."

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Fir-rigward tan-nuqqas ta' uniformità fin-'noti' elenkati fl-Anness I, il-Kummissjoni Ewropea timpenja ruħha biex ittejjeb il-konsistenza f'dan il-qasam.

F'dan l-istadju l-Kummissjoni hi tal-fehma li l-metodu *ad hoc* biex jittejjbu kemm iċ-ċarezza kif ukoll il-konsistenza tad-Direttiva 76/769/KEE huwa li jitħassru mill-Anness I in-noti kollha relatati mat-tikkettar (u d-definizzjonijiet rilevanti). Fil-fatt, dawn in-noti ma jikkontribwixxu ebda valur miżjud rigward l-obbligi li jrid ikun hemm konformità magħhom in-konnessjoni mal-kummerċjalizzazzjoni u l-użu mill-pubbliku ġenerali ta' sustanzi klassifikati bħala karċinoġeni, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (kategoriji 1 jew 2).

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni Ewropea tenfasizza l-ħtieġa li jinżammu fid-Direttiva 76/769/KEE n-noti kollha relatati mal-klassifikazzjoni."

Dikjarazzjoni mill-Istati Membri

"L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom - safejn jista' jkun previst illum - li mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 se jagħmlu kull sforz biex jevitaw milli jwessgħu l-medda attwali ta' 10 punti perċentwali aktar mir-rata standard l-aktar baxxa attwali applikata mill-Istati Membri."

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni rigward l-awtorizzazzjoni ta' l-użu tal-biċċiet ta' l-injam.

" Il-Kummissjoni tinnota li, taħt il-proċedura tal-Kumitat ta' Tmexxija:

- l-Anness IV.4 għar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jippermettilu jiddetermina kondizzjonijiet għall-użu ta' biċċiet ta' injam tal-ballut fit-tnejn ta' l-inbejjed, inkluża d-determinazzjoni tal-kategoriji ta' l-inbejjed konċernati, u
- l-Anness VII.B.1b) jagħtih l-possibbiltà jiddetermina l-kondizzjonijiet li fihom it-tikketti ta' l-inbejjed tal-mejda b'indikazzjoni ġeografika u inbejjed ta' kwalità psr jistgħu jinkludu indikazzjonijiet dwar il-mezzi użati ta' ksib jew il-metodu użat għal manifattura tal-prodott.

Hu se jikkunsidra l-possibbiltà li juża dawk id-disposizzjonijiet fir-rigward ta' l-użu tal-biċċiet ta' l-injam tal-ballut fit-tnejn ta' l-inbejjed."

DIKJARAZZJONI 142/05

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Portugiża

“Il-Portugall jikkunsidra li dan il-ftehim dwar ir-Regolament u l-mandat għan-negozjati tal-Kummissjoni huwa pass sinifikanti mill-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' l-impenn politiku tagħha fil-ġlieda kontra l-attivitajiet illegali konnessi mal-kummerċ fl-injam u l-forestrija. Madankollu, b'kont meħud tad-dimensjoni globali tas-suq tal-prodotti forestali kif ukoll tal-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill f'Ottubru 2003, nikkunsidraw li l-miżuri li ġew adottati issa jridu jevolvu lejn approċċ multilaterali sabiex jiġu evitati l-effetti negattivi tad-devjazzjoni tal-kummerċ minn ġol-pajjiżi li mhumieks koperti bil-Ftehim ta' Sħubija volontarji.”

DIKJARAZZJONI 143/05

Dikjarazzjoni konġunta mid-delegazzjoni Belġjana, Ġermaniża u Daniża

"Aħna nagħtu importanza kbira lill-inizjattivi ta' l-UE li għandhom l-għan li jimpedixxu l-importazzjoni ta' injam maqtugħ illegalment. Għalhekk, aħna napprezzaw ħafna l-proposta magħmula mill-Kummissjoni għal regolament dwar l-istabbiliment ta' skema volontarja ta' liċenzjar FLEGT u l-ħidma sussegwenti magħmula mill-presidenzi ta' NL, LUX u UK. Aħna nqisu li t-test miftiehem huwa pass importanti, fi ħdan il-pjan ta' azzjoni ġenerali FLEGT usa', biex tiġi ttrattata l-kwistjoni urġenti tal-qtugħ illegali taz-zkuk u l-kummerċ assoċjat miegħu.

Madankollu, id-diskussjonijiet urew ukoll il-limiti ta' l-approċċ elaborat fi ħdan ir-regolament bil-ħsieb li jiġi eliminat l-injam illegali mis-swieq nazzjonali u internazzjonali, billi dejjem ser ikun hemm riskju li injam minn produzzjoni illegali jintbagħat lejn swieq oħra. Hemm ukoll riskju li prodotti illegali esportati minn pajjiżi terzi jidħlu fl-UE wara li jkunu ġew *laundered* fpajjiżi msieħba. Għalhekk, id-delegazzjonijiet tal-Belġju, il-Ġermanja u d-Danimarka jixtiequ jissottolinjaw il-ħtieġa li jinżammu passi komplementari, b'mod partikolari biex jittrattaw il-problemi rigward iċ-ċirkovvenzjoni li jista' jkun hemm, li qed jiġu kkunsidrati f'konsultazzjoni mal-pajjiżi msieħba rispettivi."

DIKJARAZZJONI 144/05

Dikjarazzjoni konġunta mill-Portugall u Spanja

"Fil-qafas tal-programm ta' monitoraġġ speċifiku relatat ma' l-irkupru tal-ħażniet tal-marlozz tan-Nofsinhar u ta' l-awwista tan-Norveġja fil-Baħar Kantabriju u l-peniżola Iberika tal-Punent, għandu jkun hemm ftehim dwar miżuri adegwati ta' kontroll biex jiġi rinfurzat il-kontroll u biex jiġi żgurat, b'mod partikolari, li kwantitajiet żbarkati taż-żewġ ħażniet ikunu dokumentati u rreġistrati b'mod xieraq".

DIKJARAZZJONI 145/05

Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jintroduċu fl-iskema ta' l-amministrazzjoni ta' l-isforz għall-irkupru ta' marlozz fil-peniżola Iberika, mhux aktar tard minn Diċembru 2005, disposizzjonijiet biex jiżguraw li tartaruni li jippruvaw jaqbd u awwist tan-Norveġja jkunu soġġetti għall-istess limitazzjonijiet ta' sforz bħal dawk applikabbli għal dgħajjes li jistadu għall-marlozz."

DIKJARAZZJONI 146/05

Dwar Artikolu 17 - Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar is-sajd bil-lenza għas-salamun fil-Baħar Baltiku

"Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta, sa mhux aktar tard minn Lulju 2007, valutazzjoni xjentifika tal-miżuri stabbiliti għas-sajd bil-lenza għas-salamun fil-Baħar Baltiku."

DIKJARAZZJONI 147/05

Dwar Artikolu 30 - Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-qbid ta' l-aringi għal finijiet industrijali

"Waqt li jirrikonoxxi l-importanza tas-sajd ta' l-aringi fil-Baħar Baltiku, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi l-iżviluppi f'dawn iż-żoni ta' sajd u tivvaluta l-impatt ta' l-emendi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1434/98, introdott mill-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament, dwar il-ħażna ta' l-aringi u ż-żoni ta' sajd, b'kont meħud tar-restrizzjonijiet fuq il-ħatt ta' qabdiet mhux magħżula previsti fl-Artikolu 19."

DIKJARAZZJONI 148/05

Dwar Anness II, nota f'qiegħ il-paġna nru 3 - Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-użu tax-xibka tat-tkarkir bil-lastà fil-Baltiku

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkonfermaw li r-restrizzjonijiet fuq l-użu tax-xibka tat-tkarkir bil-lastà f'ċerti żoni ta' sajd fil-Baħar Baltiku kif stabbiliti fl-Anness II jirrappreżentaw kontinwazzjoni tal-leġislazzjoni fis-seħħ bħalissa f'xi Stati Membri fiż-żona u huma inkorporati fil-leġislazzjoni Komunitarja fuq it-talba ta' dawn l-Istati Membri. Dawn ir-restrizzjonijiet ma jikkostitwixxux preċedent għal leġislazzjoni futura."

DIKJARAZZJONI 149/05

Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tas-sajd tal-barbun ta' l-ġhajj u barbun imperjali fil-Baħar Baltiku

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu l-hteġa li tiġi żgurata l-esplojtazzjoni sostenibbli tal-ħażniet tal-barbun ta' l-ġhajj u barbun imperjali fil-Baħar Baltiku f'konformità ma' l-oġġettivi tas-CFP. Il-Kunsill għalhekk jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li fl-2006 tippreżentat proposta għall-miżuri ta' ġestjoni għas-sajd ikkonċernat. Għall-2006, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jżommu perijodi magħluqin għas-sajd tal-barbun ta' l-ġhajj u barbun imperjali."

DIKJARAZZJONI 150/05

Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ix-xbiek tas-sajd bl-imrejkba

"Waqt li jirrikonoxxi l-hteġa għal definizzjoni ċara ta' "xibka tas-sajd bl-imrejkba", il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta fl-2006 proposta għal definizzjoni singola ta' xibka tas-sajd bl-imrejkba biex tiġi applikata fil-leġislazzjoni Komunitarja li tirregola s-sajd bix-xibka tas-sajd bl-imrejkba. Il-Kummissjoni ser tirrispondi skond ir-regoli tat-Trattat, b'kont dovut b'mod partikolari għad-dritt ta' inizzjativa tagħha."

DIKJARAZZJONI 151/05

Dikjarazzjoni mill-Isvezzja

Spjegazzjoni tal-vot, dwar l-adozzjoni tal-proposta dwar l-opportunitajiet ta' sajd għall-2006

"Skond il-parir bijoloġiku, it-tnaqqis fl-isforzi proposti fl-Anness III huma 'l bogħod minn dak li hu meħtieġ biex tinkiseb ġestjoni responsabbli tal-ħażniet. Dawn lanqas ma jikkorrispondu għat-tnaqqis ta' 15% fit-TAC għall-merluzz fil-Baħar tat-Tramuntana. B'hekk l-Isvezzja qed tastjeni mill-adozzjoni tal-proposta dwar it-TACs u l-kwoti u miżuri oħrajn ta' ġestjoni għall-2006."

DIKJARAZZJONI 152/05

Dikjarazzjoni mill-Greċja

"Il-Greċja, b'referenza għall-allokazzjoni ta' kwoti Komunitarji u, b'mod aktar speċifiku għall-kwota tal-Greċja tat-tonn (*bluefin*) fl-Oċean Atlantiku, lejn il-Lvant tal-lonġitudni 45D u l-Mediterran, kif inhu preskritt fl-Anness ID tar-regolament (dok. 15489/05 ta' l-10.12.2005), tiddikjara li tikkunsidra l-kwoti, kif imfissra fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 49/99, bħala mhux aktar kompatibbli mad-*data* ta' l-istatistika ġdida.

Il-Greċja esprimiet l-iskuntentizza tagħha għall-fatt li, fir-rigward ta' l-allokazzjoni tat-tonn (*bluefin*) għas-sena 2006, il-Kunsill ma kkunsidrax id-*data* l-ġdida li qed taffettwa b'mod dirett ir-realtà xjentifika rigward il-Greċja, anki jekk il-kwantità in kwistjoni hi limitata ħafna meta mqabbla mas-sehem Komunitarju. Il-kapaċitajiet ta' sajd tal-Greċja, rigward din l-ispeċi partikolari, huma kompatibbli mal-kwantitajiet ta' sajd rivedut kif inhuma inklużi fil-listi ta' l-istatistika ta' l-ICCAT mill-1998 'il quddiem.

Skond dan ta' hawn fuq, il-Greċja tibqa' tal-fehma li, b'rispett sħiħ għad-dritt ta' inizzjattiva tal-Kummissjoni, ir-Regolament Nru 49/99 ta' hawn fuq għandu jiġi rivedut malajr kemm jista' jkun."

DIKJARAZZJONI 153/05

Dikjarazzjoni konġunta mir-Renju Unit u l-Irlanda dwar il-Preferenza ta' l-Aja

"Ir-Renju Unit u l-Irlanda jikkunsidraw li l-Preferenza ta' l-Aja tikkostitwixxi parti integrali mill-istabbiltà relattiva, li tirrifletti l-ħtieġa għas-salvagwardja tal-ħtiġijiet speċjali ta' reġjuni fejn il-popolazzjonijiet lokali huma dipendenti b'mod speċjali fuq is-sajd u l-industriji relatati. Dan hu rikonoxxut b'mod speċifiku fil-politika tas-sajd Komunitarja u ġie stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill 170/83 u fir-Regolament tal-Kunsill 3760/92. Dan ġie ddikjarat mill-ġdid għal darb'oħra fir-Regolament tal-Kunsill 2371/2002."

DIKJARAZZJONI 154/05

Dikjarazzjoni mill-Belġju, mid-Danimarka, mill-Ġermanja u mill-Olanda dwar il-preferenzi ta' l-Aja

"Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, u l-Olanda huma tal-fehma li l-iskali għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-Istati Membri ġew finalment miftehma fl-1983. Dawn l-iskali jikkostitwixxu l-bażi ta' stabbiltà relattiva, li huwa prinċipju stabbilit mir-Regolament Bażiku li jirregola l-Politika Komunitas-Sajd. Aħna tal-fehma li l-preferenzi ta' l-Aja jmorru kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva."

DIKJARAZZJONI 155/05

Dikjarazzjoni minn Franza dwar l-implimentazzjoni tal-preferenzi ta' l-Aja

"Franza hi tal-fehma li l-iskali għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-Istati Membri ġew finalment miftehma fl-1983. Dawn l-iskali jikkostitwixxu l-bażi ta' stabbiltà relattiva, li hija prinċipju stabbilit mir-Regolament Bażiku li jirregola l-Politika Komuni tas-Sajd. Aħna tal-fehma li l-preferenzi ta' l-Aja jmorru kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva.

F'kuntest fejn ir-riżorsa qed issir dejjem aktar rari u qed tiċkien, il-preferenzi ta' l-Aja jwasslu għal allokazzjonijiet addizzjonali mhux raġonevoli għad-detriment ta' l-Istati Membri l-oħrajn. Franza hi kontra l-applikazzjoni tal-preferenzi ta' l-Aja, li tmur kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva, kif inhu l-każ għall-kompromess tal-Presidenza preżenti."

DIKJARAZZJONI 156/05

Dikjarazzjoni minn Spanja dwar it-TACs u l-kwoti għall-2005

"Id-delegazzjoni Spanjola tiddikjara n-nuqqas ta' qbil tagħha mad-distribuzzjoni ta' TACs ta' l-UE fiż-żoni tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Baħar Baltiku. Spanja tibqa' ssostni l-appelli li għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej kontra r-Regolamenti (KE) Nru 2341/2002 u Nru 2267/2003, li taħthom Spanja ma kienet mogħtija l-ebda kwota f'dawk iż-żoni ta' sajd minkejja li l-perijodu ta' transizzjoni kien intemm, u ser tissottometti appell ulterjuri."

DIKJARAZZJONI 157/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar l-istokkafixx

"Fil-kuntest ta' ftehim dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd għall-istokkafixx għall-2006 il-Kunsill u l-Kummissjoni nnotaw it-trasferiment ta' 3 000 tunnellata metrika kull wiehied mid-Danimarka u r-Renju Unit u 994 tunnellata metrika mill-Isvezja li ġew aċċettati mill-Olanda, l-Irlanda u l-Ġermanja kif ġej:

L-Olanda	—	2 333 tunnellata metrika
Irlanda	—	2 333 tunnellata metrika
Ġermanja	—	2 328 tunnellata."

DIKJARAZZJONI 158/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-istokkafixx

"Il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tikkunsidra, wara konsultazzjonijiet ma' l-Istati Membri kkonċernati, li tippreżenta proposti xierqa għall-arranġamenti ta' ġestjoni għall-ħażniet ta' stokkafixx."

DIKJARAZZJONI 159/05

Xbiek tat-tkarkir selettiv fil-Bajja ta' Biskajja

"Il-Kummissjoni għandha tiegħu parir mill-STEFCF dwar l-impatt probabbli fuq il-ħażna tal-marlozz ta' xbiek tat-tkabbir selettiv b'daqs ta' malji li jvarjaw bejn 70 sa 99 mm attrezzat b'tieqa tax-xibka kwadra fil-Bajja ta' Biskajja qabel ma tippromponi l-introduzzjoni permanenti tagħha."

DIKJARAZZJONI 160/05

Pixxiplamtu I-XIV

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu l-istat eżawrit tal-ħażna tal-pixxiplamtu (*Lamna nasus*). Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposta fl-ewwel nofs ta' l-2006 li tirregola kemm is-sajd dirett li qed jisfrutta din il-ħażna u qabdiet sekondarji ta' din il-ħażna f'sajd ieħor kif ukoll biex tfittex ġestjoni multilaterali għal din l-ispeċi u speċi oħrajn ta' klieb il-baħar fil-qafas ta' l-RFMOs rilevanti.

Għal dan l-għan, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri informazzjoni addizzjonali relattiva għas-sajd u l-flotot tas-sajd rilevanti."

DIKJARAZZJONI 161/05

Pjan ta' ġestjoni għall-perijodu fit-tul għall-aringi fid-Diviżjoni VIa ta' l-ICES (Tramuntana)

"Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta malajr kemm jista' jkun fl-2006 dwar pjan ta' ġestjoni għall-perijodu fit-tul għall-ħażna ta' aringi fil-parti tat-tramuntana tad-Diviżjoni VIa ta' l-ICES.

Tali pjan għandu jinkludi, *inter alia*, mira ta' mortalità minħabba s-sajd għal gruppi ta' età xierqa, varjazzjoni inter-annwali fil-qabdiet totali permissibbli u disposizzjonijiet ta' implimentazzjoni u kontroll rilevanti. Dan il-pjan għandu jkun ibbażat fuq il-parir xjentifiku mill-ICES u għandu jieħu kont tal-fehma tar-RAC pelaġiku. Il-Kunsill jaqbel, soġġett għall-opinjoni tal-Parlament Ewropew, ma' l-adozzjoni ta' pjan ta' ġestjoni għall-perijodu fit-tul inklużi l-elementi msemmija hawn fuq."

DIKJARAZZJONI 162/05

Qisien minimi għall-qabda

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li l-qisien minimi għall-qabda ta' l-awwista tan-Norveġja (*Nephrops norvegicus*), tal-petriċi (*Lophius spp.*), tal-gandoffla ġappuniża (*Ruditapes philippinarium*) u tal-bronji (*Buccinum undatum*) iridu jiġu riveduti bħala parti mill-proċess ta' reviżjoni u ta' emenda, fejn hu meħtieġ, tar-Regolament (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar."

DIKJARAZZJONI 163/05

Talbiet għal derogi min-numru massimu ta' jiem fl-Anness IIA, IIB, IIĊ

"Il-Kummissjoni ser teżamina bil-ħeffa t-talbiet kollha għal derogi min-numru massimu ta' jiem imniżżla fl-Annessi IIA, IIB u IIĊ, b'mod partikolari,

- għall-għeżula u l-għeżul tat-tħabbil ta' mhux anqas minn 110 mm u b'rekords ta' l-istorja li jirrappreżentaw anqas minn 5% ta' merluzz fiż-żoni kollha;
- għax-xbieki tat-tkarkir b'fetħa ta' bokka kbira ħafna li jużaw qisien tal-malji ta' 70 sa 99 mm fil-Kanal tal-Lvant u l-Baħar tat-Tramuntana;
- għal bastimenti nieqsa mill-port għal anqas minn 24 siegħa u li jistadu b'pariti ta' anqas minn 110 mm fiż-żoni II, IV u VII d,

bil-ħsieb li jiġu introdotti malajr kemm jista' jkun matul is-sena 2006.

Tali talbiet għandhom ikunu motivati b'mod debitu mill-Istati Membri kkonċernati. L-STEFCF ser jiġi kkonsultat dwar l-implikazzjonijiet ta' daww it-talbiet għall-irkupru tal-ħażniet ikkonċernati sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk id-derogi jkunux ġustifikati."

DIKJARAZZJONI 164/05

Flessibbiltà għat-TAC tal-petriċi fiż-Żona VII

"Fir-rigward tal-flessibbiltà li tikkonċerna t-TAC tal-petriċi fiż-Żona VII li jistgħu jinqabdu fiż-żona VII abde, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li tali flessibbiltajiet huma xierqa biss fejn il-kwantitajiet ikkonċernati huma marġinali, il-qabdiet isiru mill-istess unità tal-ħażna bijoloġika kif definita mill-STEFC, iż-żoni huma maġemb xulxin, u fejn l-Istati Membri kkonċernati laħqu ftehim dwar is-suġġett."

DIKJARAZZJONI 165/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-ġestjoni ta' l-isforz fil-Katteġat.

"Il-Kummissjoni tilqa' l-proposti mill-industrija biex tiegħu f'idejha l-ġestjoni tas-sajd fil-Katteġat bl-użu ta' limitazzjonijiet ta' l-isforz minflok limitazzjonijiet tal-qabda. Il-Kummissjoni ser teżamina dawn il-proposti bil-ħsieb li tintroduċi tali skema, bħala proġett pilota, ma' l-ewwel opportunità fl-2006."

DIKJARAZZJONI 166/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar miżuri li jtejbu l-infurzar tar-regoli tas-CFP

"Il-Kunsill jirrikonoxxi r-riskji li jinħolqu għas-sostenibbiltà tas-settur tas-sajd mill-infurzar fqir tar-regoli ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni, speċjalment dawk li jikkonċernaw l-aktar ħażniet sensitivi.

Għal din ir-raġuni il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposta għal miżuri armonizzati fil-każ ta' non-konformità ma' dawk ir-regoli u b'mod partikolari mal-kondizzjonijiet assoċjati ma' l-iskemi ta' limitazzjoni ta' l-isforz, permessi speċjali tas-sajd u pjanijiet ta' rkupru u ta' ġestjoni. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu aġġustament tad-drittijiet tas-sajd allokat lill-bastimenti tas-sajd jew lis-sajjieda abbażi ta' dawk il-kondizzjonijiet u l-modifika, is-sospensjoni jew l-irtirar ta' permessi tas-sajd speċjali. Dawn ser jikkonċernaw in-non-konformità ma' regoli speċifiċi u ser ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi."

DIKJARAZZJONI 167/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar ir-regolament tas-sajd bl-għeżul tal-garġi tal-baħar fond

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu fuq il-hteġa li jitjieb l-għarfien dwar l-effetti tas-sajd bl-għeżul tal-garġi, bl-għeżul tat-tħabbil u bil-pariti filmijiet li huma fondi aktar minn 200 metru, u jaqblu li għandhom jiġu kkunsidrati miżuri li jirregolaw is-sajd fid-dawl ta' pariri xjentifiċi, b'kont meħud tat-tipi differenti ta' tagħmir involut. Il-Kummissjoni ser titlob lill-STEFC jirrevedi l-informazzjoni disponibbli dwar dan is-suġġett biex ikunu jistgħu jiġu proposti miżuri xierqa ma' l-ewwel opportunità."

DIKJARAZZJONI 168/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tat-TACs għall-petriċi fiż-żoni IIa (ilmijiet tal-KE), IV (ilmijiet tal-KE) u Vb (ilmijiet tal-KE), VI, XII, XIV

"Jekk, wara l-analiżi msemija fl-Artikolu 5(6), l-STECF jirrakkomanda reviżjoni għal-limiti tal-qabda msemija f'dak l-Artikolu, il-Kummissjoni ser tipproponi reviżjoni ta' dawk il-limiti tal-qabda għall-adozzjoni ma' l-ewwel opportunità."

DIKJARAZZJONI 169/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-isforz tas-sajd għall-ħażniet tal-baħar fond

"Il-Kunsill jaqbel li l-livell attwali ta' sforz tas-sajd għall-ħażniet tal-baħar fond hu għoli wisq u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipproponi matul l-2006 tnaqqis ulterjuri f'konformità ma' l-impenji internazzjonali tal-Komunità, u sabiex tipproponi strateġija pluriennali biex tnaqqas b'mod progressiv l-isforz għal livell sostenibbli. Ir-rata li biha l-isforz tas-sajd hu mnaqqas għandha tiegħu kont tar-riskji ta' l-eżawriment tal-ħażna indikat permezz ta' parir xjentifiku."

DIKJARAZZJONI 170/05

Dikjarazzjoni minn Franza dwar id-daqs minimu għat-tonn (*bluefin*) fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran

"Franza tikkunsidra li d-differenza fid-daqs minimu bejn l-Atlantiku u l-Mediterran għat-tonn (*bluefin*) ta' l-Atlantiku tal-Lvant/tal-Mediterran (thunnus thynnus) mhix konsistenti mar-regoli ta' ġestjoni applikati għal din il-ħażna waħda u mal-parir xjentifiku. Din id-differenza toħloq diskriminazzjoni mhux ġustifikata bejn is-sajjieda Komunitarji u twassal għal problemi ewlenin ta' implimentazzjoni, peress li din tawtorizza l-koeżistenza ta' żewġ daqsijiet għal speċi waħda fl-istess suq. Franza topponi l-istabbiliment ta' żewġ daqsijiet minimi differenti għat-tonn (*bluefin*) fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran, li jmur kontra l-parir bijoloġiku li jikkonċerna din il-ħażna, kif inhu l-kompromess preżenti tal-Presidenza."

DIKJARAZZJONI 171/05

Dikjarazzjoni minn Franza dwar l-implimentazzjoni tal-preferenzi Daniżi

"Franza tikkunsidra li l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu "preferenzi Daniżi" huwa ta' dannu għas-sajjieda mill-Istati Membri l-oħrajn. Dan il-mekkaniżmu li jikkumpensa għal tnaqqis f'opportunitajiet ta' sajd għall-kavall għad-Danimarka wassal għal tnaqqis mhux sproporzjonat għas-sajjieda Franċiżi, f'kuntast fejn ir-risors qiegħed isir aktar rari u qiegħed jonqos. Fanza topponi l-applikazzjoni tal-preferenzi Daniżi, li tmur kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva, kif inhu l-kompromoss preżenti tal-Presidenza."

DIKJARAZZJONI 172/05

Dikjarazzjoni minn Franza dwar in-nuqqas ta' allokkazzjoni sħiħa għall-bakkaljaw u għall-merlangu

"Franza tikkunisdra li l-eżistenza ta' kwota għas-sajd industrijali, li mhix diviża bejn l-Istati Membri, flimkien ma' l-allokkazzjoni ta' TACs bejn l-Istati Membri, tmur kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva u toħloq sitwazzjoni inġusta bejn l-Istati Membri differenti, mingħajr ġustifikazzjoni suffiċjenti. Franza hi kontra din l-eżenzjoni għas-sajd industrijali, li tmur kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva, kif inhu l-każ għall-kompromess preżenti tal-Presidenza."

DIKJARAZZJONI 173/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-iżvilupp futur ta' opportunitajiet ta' sajd skond il-Pjan ta' Implimentazzjoni tas-*Summit* Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (Johannesburg, 2002)

"Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tas-*Summit* Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (Johannesburg, 2002), b'mod partikolari dwar il-paragrafu 31 tal-pjan ta' implimentazzjoni.

DIKJARAZZJONI 174/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-approċċ gradwali għas-sostenibbiltà

"Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-ġestjoni tas-sajd skond il-kisba ta' sfruttament sostenibbli ta' riżorsi ħajjin tal-baħar bħala ħtieġa minn qabel għall-kisba ta' kondizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli.

Wara l-aġġustamenti f'opportunitajiet ta' sajd annwali magħmula għall-2006, il-Kunsill jafferma l-impenn tiegħu għal aġġustamenti annwali ulterjuri fid-direzzjoni indikata mill-parir xjentifiku sabiex il-ħażniet kollha li l-Komunità għandha interess ta' sajd fihom jinġiebu f'limiti bijoloġiċi mingħajr periklu fir-rigward ta' bijomassa ta' ħażna li tkun qed tbid u fir-rigward ta' rata ta' mortalità ta' sajd".

DIKJARAZZJONI 175/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' kondizzjonijiet armonizzati għal permessi speċjali

"Il-Kunsill jieħu nota, bi tħassib serju, tal-livelli għolja rappurtati ta' sajd illegali, sajd mhux rappurtat u sajd mhux regolat ta' ħażniet li l-Komunità għandha interess fihom. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal kondizzjonijiet armonizzati għall-ħruġ, is-sospensjoni jew l-irtirar ta' permessi speċjali fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mat-termini tal-permessi speċjali li jkunu proporzjonati u dissważivi biżżejjed.

Il-Kunsill jikkunsidra li l-kondizzjonijiet armonizzati tal-permessi speċjali għandhom ikunu adottati kemm jista' jkun malajr fl-2006, soġġetti għad-disponibbiltà ta' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-proposti."

DIKJARAZZJONI 176/05

Dikjarazzjoni mill-Belġju, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, minn Spanja, minn Franza, mil-Litwanja, mill-Olanda, mill-Portugall, mill-Isvezja u mir-Renju Unit dwar is-simplifikazzjoni ta' l-obbligi ta' dikjarazzjoni dwar il-kaptani tal-bastimenti soġġetti għal miżuri għall-bini mill-ġdid ta' ħażniet tal-merluzz u tal-lingwata

"Id-delegazzjonijiet imsemmijin hawn fuq jitolbu lill-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill simplifikazzjoni ta' l-obbligi ta' dikjarazzjoni għall-kaptani tal-bastimenti soġġetti għal miżuri għall-bini mill-ġdid tal-ħażniet tal-merluzz u tal-lingwata, b'mod partikolari l-obbligu ta' sottomissjoni ta' rekord ta' l-isforz ta' sajd, min-naħa ta' bastimenti mġhammra b'sistemi ta' monitoraġġ permezz tas-satellita, kull darba li jidħlu u joħorġu minn żona ta' rkupru."

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Svediża

Spjegazzjoni tal-vot mill-Isvezja

Opportunitajiet ta' sajd fil-Baħar Baltiku għall-2006

"Is-sitwazzjoni ta' ħażniet ta' merluzz fil-Baħar Baltiku għandha tittieħed bis-serjetà, u trid tinkiseb ġestjoni sostenibbli tas-sajd. L-ICES irrakkomanda TAC għall-ħażna ta' merluzz tal-lvant ta' 14 900tunnellata metrika. L-Isvezja tkellmet favur approċċ integrat għall-ġestjoni tas-sajd b'aktar użu ta' l-għodod disponibbli għalina, bħat-TACs, sforz ta' sajd imnaqqas u kontrolli effettivi.

Id-deċiżjoni ma twassalx għal ġestjoni sostenibbli. L-Isvezja għalhekk iddeċidiet li tivvota kontra. It-TAC għall-ħażna ta' merluzz tal-lvant ġiet stipulata f'livell għoli wisq. Il-limitazzjoni ta' l-isforz tas-sajd li trid tiġi applikata fl-2006 ma tinvolti l-ebda tnaqqis meta mqabbla ma' din is-sena. Fil-fatt id-deċiżjoni li għadha kif ittieħdet ser tkun tfixxer żieda kemm fl-isfruttament kif ukoll fl-isforz tas-sajd.

Minħabba ż-żminijiet ta' l-għeluq, minbarra dawk matul l-istaġun meta jbidu l-ħut, mhumie x komuni għall-Istati Membri kollha, il-jiem magħluqa jistgħu jiġu ppjanati f'perijodi b'qabdiet tradizzjonalment baxxi. Peress li dejjem ser ikun hemm bastimenti bil-permess li jistadu fiż-żona, il-possibbiltà ta' kontroll effettiv ser titnaqqas. Barra minn hekk, id-deċiżjoni ser tkun tinvolti diffikultajiet prinċipali fit-tindif ta' żoni tradizzjonali ta' sajd ta' l-hekk imsejħa xbieki fantażma."

DIKJARAZZJONI 178/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni ser tħalli taħt reviżjoni kostanti l-miżuri stabbiliti fid-Direttiva l-għdida dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza avjarja, li ġiet appoġġata mill-Kunsill illum, u b'mod partikolari dawk il-miżuri dwar l-influwenza avjarja ta' livell patoġeniku baxx.

Jekk xieraq, il-Kummissjoni ser tipproponi l-emendi meħtieġa għall-miżuri ġodda stabbiliti, fid-dawl ta' l-esperjenza li ser tinkiseb dwar il-kontroll tal-mard wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva, ta' l-għarfien xjentifiku ulterjuri li ser ikun disponibbli dwar din il-marda kumplessa, u ta' żviluppi internazzjonali futuri u standards ta' l-OIE."

DIĊEMBRU 2005	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
Proċedura bil-miktub konkluża fl-1 ta' Diċembru 2005 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/355/PESK dwar il-missjoni ta' l-Unjoni Ewropea biex tipprovdi pariri u assistenza għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (DRC) rigward l-istabbiliment ta' proġett ta' assistenza teknika għat-titjib tal-katina ta' pagamenti tal-Ministeru tad-Difiża fid-DRC 13953/05 L-2695 laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjonijiet, Enerġija) fl-1 u fil-5 ta' Diċembru 2005 Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward ta' l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali u l-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' l-Irlanda 14239/05 Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ksieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi linji gwida għal rettikolati ta' enerġija trans-Ewropej u li tħassar d-Deċiżjonijiet Nri 96/391/KE u 1229/2003/KE 10720/05 + COR 1 (fr) + COR 2 (es) + COR 3 (fi) + COR 4 (pl) + COR 5 (lt) + ADD 1, 13336/05 + ADD 1 L-2696 laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-1 u t-2 ta' Diċembru 2005 Abbozz ta' pjan ta' azzjoni dwar it-traffikar tal-bnedmin 12402/3/05 REV 3	

DIĊEMBRU 2005	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
L-2697 laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) fit-2 ta' Diċembru 2005	
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-effetti ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka u r-Repubblika tal-Polonja għall-Unjoni Ewropea dwar il-parteeipazzjoni tal-Komunità Ewropea fil-Konvenzjoni dwar il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Ħarsien ta' l-Oder u l-Konvenzjoni dwar il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Ħarsien ta' l-Elbe 13673/05 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità Ewropea tal-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Ħamrija, il-Protokoll dwar l-Enerġija u l-Protokoll dwar it-Turiżmu għall-Konvenzjoni dwar l-Alpi 14218/05 + REV 1 (pt) + REV 1 COR 1 (pt) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll NU-ECE dwar ir-Reġistri ta' Emissjoni u ta' Trasferiment ta' Sustanzi li Jniġġsu 10799/2/05 REV 2 +REV 2 COR 1 (de),14492/05 + ADD 1 Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju <i>anti-dumping</i> definittiv u l-għbir b'mod definittiv tad-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' politetrafluworoetilin granulari (PTFE) li joriġina fir-Russja u fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina 14375/05	
L-2698 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fis-6 ta' Diċembru 2005	
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim dwar il-parteeipazzjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja fiż-Żona Ekonomika Ewropea u erba' ftehim relatati 11902/1/03 REV 1	
	EE/FI/ES/UK kontra astensjoni minn DK/CZ

DIĊEMBRU 2005	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea dwar it-Trattat tal-Komunità dwar l-Enerġija 13886/1/05 REV 1 L-2699 laqgħa tal-Kunsill (Impjieg, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur) fit-8 u d-9 ta' Diċembru 2005 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni fisem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali tal-Konservazzjoni tad-Delfini 14204/05 + COR 1 (fi) + COR 2 + REV 1 (es) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi, għall-perijodu mit-18 ta' Jannar 2005 sas-17 ta' Jannar 2011, l-opportunitajiet ta'sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti bil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Seychells u s-sajd 'l hinn mis-Seychelles 13538/05 + REV 1 (lv) Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħrajn ma' l-ikel 9857/05 + REV 1 (lt) + REV 2 (et) + COR 1 (es) + COR 2 (el) + COR 3 (pl) + COR 4 (de) + ADD 1 + ADD 1 COR 1, 14793/05 + ADD 1 Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Diċembru 2005 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar talbiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa li jsiru dwar l-ikel 9858/05 + COR 1 (el) + COR 2 (el) + COR 3 (de) + REV 1 (hu) + REV 2 (da) + ADD 1 + ADD 1 COR (en), 14795/05 + ADD 1	DK kontra

DIĊEMBRU 2005	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
L-2700 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fit-12 ta' Diċembru 2005	
Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi speċifiċi kontra ċerti persuni suspettati b'involvimenti fl-assassinju tal-Prim Ministru Lebañiż preċedenti Rafiq Hariri 14485/05	
Azzjoni Konġunta tal-Kunsill dwar appoġġ għal attivitajiet ta' l-OPCW fil-qafas ta' l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' l-UE kontra l-proliferazzjoni ta' armi tal-qerda tal-massa 13781/05	
Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2004/179/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldava 15061/05	
Deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina l-ordni li għandha tinżamm fiha l-ħatra tal-President tal-Kunsill 15256/05, 15377/05 + ADD 1 + ADD 2	
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra ta' Koordinatur Speċjali tal-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa 14952/05	
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 13185/05	
Regolament tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 14685/05	

DIĊEMBRU 2005	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
L-2702 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fl-20, l-21 u t-22 ta' Diċembru 2005 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u t-Tajlandja skond l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 relatat mal-modifika ta' konċessjonijiet fir-rigward tar-ross previst fl-Iskeda CXL tal-KE annessa mal-GATT 1994. 15215/05, 15726/05 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta' l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika għal Ftehim Kwadru għall-Kollaborazzjoni Internazzjonali dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp ta' Sistemi ta' Enerġija Nukleari tal-Ġenerazzjoni IV 14929/05 Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1480/2003 li jimponi dazju kompensatorju definittiv u l-għbir b'mod definittiv tad-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ċerti mikroċirkwiti elettroniċi magħrufa bħala DRAMs (Memorji Dinamiċi għal Aċċess Każwali) li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea 15026/05 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li temenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar kummerċ fi prodotti tessili 15236/05 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju Ħaxemit tal-Ġordan dwar miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni u li temenda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Ġordan kif ukoll tissostitwixxi l-Annessi I, II, III u IV u l-Protokolli 1 u 2 għal dak il-Ftehim 14972/05 + COR 1 (en), 15320/05 Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2001/264/KE li tadotta r-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill 13627/05 + REV 1 (sv)	Astensjoni minn EL/IT/PT NL/E kontra Astensjoni minn FI/LT/UK

DIĊEMBRU 2005	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar emenda għall-Ftehim li jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD), li tippermetti lill-Bank jiffinanzja operazzjonijiet fil-Mongolja 14789/05 Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonkludi l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea 12075/05 + ADD 1 (en) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, rispettivament, dwar konċessjonijiet reċiproċi u preferenzjali tal-kummerċ għal ċerti inbejjed, u li temenda r-Regolament (KE) Nru 933/95 16330/1/04 REV 1 Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 384/96 dwar il-ħarsien kontra importazzjonijiet mormija minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea 15357/05 + COR 1 (en) + COR 2 (fr) Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/2004 li jimponi dazji definittivi ta' <i>anti-dumping</i> fuq l-importazzjonijiet ta' politin <i>terephthalate</i> li joriġinaw, <i>inter alia</i>, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina 15875/05 + REV 1 (lt) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar it-Trattament Mingħajr Dazju ta' Ċirkwiti <i>Multi-Chip</i> Integrati (MCPs) 13973/05 + COR 1 (sl)	

DIĊEMBRU 2005	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Ġappun skond l-Artikolu XXIV:6 u l-artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 13190/05 + COR 1 + COR 2 (pt) + REV 1 (cs) - Regolament tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Ġappun skond l-Artikolu XXIV:6 u l-artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 15190/05 - Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-New Zealand skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar t-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relatata mal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea 15709/05 + COR 1 + REV 1 (pl) - Regolament tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-New Zealand skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar t-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relatat mal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea, li jissupplimenta l-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni 15710/05 Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK dwar miżuri oħra ta' sostenn ta' l-implimentazzjoni effettiva tal-mandat	

DIĊEMBRU 2005	
ATTI OĦRAJN	Voti magħmula pubbliċi
tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY) 15803/05 - Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li taġġorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2005/847/PESK 15756/05 - Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru. 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi indirizzati kontra ċerti persuni u entitajiet bil-ħsieb tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni 2005/848/KE 15750/05	
